# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1052/00mm**

**Mirage Holdings Ltd**

**vs**

**Anthony Tabone**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' sitt mija u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm673.00) kwantu ghal Lm358.45 import ta' seba' kambjali annessi u immarkati Dok 1 sa' Dok 7, mill-konvenut accettati u iffirmati, li d-data ta'

maturita’ taghhom skadiet, kwantu ghal Lm274.55, prezz ta’ merkanzija lill-konvenut mibjugha u ikkonsenjata, u kwantu ghal 40 ta’ interessi dovuti.

Bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ zewg ittri nterpellatorji ammontanti ghal Lm5 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-5 ta’ Frar, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra konvenut.